# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 2**

**Rikors numru 198/22/1 GM**

**Ganni Attard**

**v.**

**L-Avukat tal-Istat u r-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali (Għawdex) u Dr. Frank Galea u Dr.Kenneth Grima għal kull interess li jista' jkollhom**

1. B'rikors preżentat fit-23 ta' Ġunju 2023 l-attur ta eċċezzjoni ta' rikuża fil-konfront tal-President u l-Imħallfin li qegħdin jippresjedu din il-Qorti fl-appell li ppreżenta mis-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla tat-13 ta' Frar 2023. L-eċċezzjoni għar-rikuża hi bażata fuq l-Art. 734(1)(d)(ii) tal-Kap. 12.

2. L-Avukat tal-Istat wieġeb fis-27 ta' Ġunju 2023 u sempliċement qal li, *"qiegħed jirrimetti ruħu għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti"*.

3. L-ilment tal-attur hu b'referenza għall-appell fl-ismijiet Ganni Attard v. Dr Frank Galea (20/2015):

> *".... u dan senjatament rigward kawża dwar ritassa tad-drittijiet ġudizzjarji naxxenti mill-istess proċeduri u appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Ġenerali fl-istess ismijiet.*
>
> *Illi l-proċeduri msemmija hawn fuq ġew fil-fatt mismugħa, trattati u deċiżi mill-Qorti tal-Appell Superjuri hekk kif tinsab komposta din l-Onorabbli Qorti..... Is-sentenza hija tat-30 ta' Marzu 2022 u digriet ta' deżerzjoni tas-27 ta' Ġunju 2022".*

4. Fil-kawża tal-lum l-attur talab lill-Qorti sabiex:

> *"Tiddikjara illi l-ispejjeż, drittijiet u kawtela relatati mal-kawża fl-ismijiet Ganni Attard vs Dr Frank Galea (Rik. Ġur. Nru. 20/2015 JVC) imposti fuq ir-rikorrenti huma leżivi fid-drittijiet fundamentali tiegħu senjatament dawk sanċiti taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u taħt l-artikolu 6 u l-ewwel artikolu tal-ewwewl protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem".*

5. B'sentenza tat-13 ta' Frar 2023 il-Qorti Ċivili, Prim'Awla kkonkludiet li l-Kap. 12:

> *".... jagħti rimedju għal min ma jkunx f'qagħda li jħallas il-kawtela, u li dan ir-rimedju huwa wieħed siewi u effettiv. Lanqas hemm dubju li r-rikorrent ingħata kull opportunita' li jsemma leħnu wara l-kawtela u li huwa kapriċċożament naqas li juża' din l-għodda li tagħtih il-liġi ordinarja. Fid-dawl ta' dan in-nuqqas, din il-Qorti tqis li huwa opportun li tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont l-art. 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta".*

6. Fil-kawża tal-lum l-attur jilmenta li r-Reġistratur ibbaża t-taxxa fuq somma ta' €1,500,000, li l-attur semma f'mandat kawtelatorju li talab il-

ħruġ tiegħu kontra l-konvenut Dr. Frank Galea. Kawża li l-attur ippreżenta meta l-appell fil-kawża 20/2015/1 kien għadu pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell. Fir-rikors promotur tal-kawża kostituzzjonali, r-rikorrent kompla jgħid li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju kien tħassar b'ordni tal-Qorti wara li kkonkludiet li *prima facie* ma kienx jirriżulta li s-somma pretiża kienet ġustifikata. L-attur jilmenta li l-ispejjeż, drittijet u kawtela mitluba mir-Reġistratur kienu eżaġerati u sproporzjonati u ċaħħdu lill-attur milli jkollu aċċess għall-Qorti, bi ksur tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq u tgawdija ta' ħwejġu.

7. It-taxxa li ħareġ ir-Reġistratur kienet l-oġġett ta' proċeduri ta' ritassa li fetaħ l-attur. B'deċiżjoni tal-15 ta' Mejju 2018 il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri ċaħdet it-talba għal ritassa. L-attur appella minn dik id-deċiżjoni u b'sentenza tat-30 ta' Marzu 2022 il-Qorti tal-Appell, presjeduta mill-istess Imħallfin li dwarhom l-attur ta l-eċċezzjoni ta' rikuża, ċaħdet l-appell tal-attur wara li kkonkludiet li t-taxxa maħruġa mir-Reġistratur saret skont il-liġi. F'dik id-deċiżjoni l-Qorti tal-Appell osservat li l-pretensjoni tal-attur għall-ħlas ta' iktar minn €1,500,000 bħala danni, kienet tirriżulta bl-iktar mod ċar mid-dokument a fol. 62 tal-kawża u kkonkludiet li d-dritt kellu jiġi ntaxxat fuq dak l-ammont.

8. Kienet imbagħad a bażi ta' dik it-taxxa li r-Reġistratur iffissa l-garanzija li l-attur għandu jagħti għall-ispejjeż tal-appell.

9. Jirriżulta li l-attur kien irrikorra wkoll għall-proċedura kontemplata fl-Art. 904 tal-Kap. 12 sabiex il-Qorti tal-Appell teżentah milli jagħti l-garanzija mitluba mir-Reġistratur. B'deċiżjoni tas-27 ta' Ġunju 2022 din il-Qorti ċaħdet it-talba tal-attur u ddikjarat l-appell deżert. Dan wara li qalet li l-attur ma xehedx sabiex jispjega l-qagħda finanzjarja tiegħu u f'kull każ *prima facie* ma jirriżultax li għandu *probabilis causa litigandi*.

10. Hu fatt li l-Ewwel Qorti ma ddeċidietx il-kawża kostituzzjonali fil-meritu iżda għażlet li tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha għaliex kienet sodisfatta li l-attur kellu mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat. Fir-rikors tal-appell l-attur ma talabx li din il-Qorti tħassar is-sentenza appellata tat-13 ta' Frar 2023 u tibgħat l-atti lura quddiem l-Ewwel Qorti, iżda talab li s-sentenza tat-13 ta' Frar 2023 titħassar u tilqa' t-talba u tiddikjara l-ispejjeż, drittijiet u kawtela relatata mal-kawża 20/2015 jilledu l-jedd fundamentali tiegħu protetti taħt Art. 6 tal-Konvenzjoni u Art. 39 tal-Kostituzzjoni, u Art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-istess Konvenzjoni.

11. Meta tqis li:

i. L-attur qiegħed jilmenta mill-mod kif sar l-intaxxar tal-kawża 20/2015 fl-ismijiet <u>Ganni Attard v. Dr. Frank Galea</u>;

ii. L-Imħallfin li qegħdin jippresjedu din il-Qorti kienu l-istess Imħallfin li ppresjedew il-Qorti tal-Appell li ddeċidiet li t-taxxa kellha tiġi kalkolata fuq is-somma ta' €1,500,000 u li ċaħdet it-talba tal-attur sabiex jagħti l-garanzija bil-benefiċċju tal-ġurament;

il-prudenza titlob li tintlaqa' l-eċċezzjoni u b'hekk jiġi assigurat li ma jkun hemm l-ebda dubju dwar l-imparzjalità tal-ġudikanti li jippresjedu l-Qorti li għad trid tisma' u tiddeċiedi l-appell tal-attur.

Għal dawn il-motivi tilqa' l-eċċezzjoni ta' rikuża tal-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da